# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru 2024**

**Numru : 32**

**Rikors numru : 51/2022/1**

**Phoenix Payments Ltd (C 77764) u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2023 awtorizza korrezzjoni fl-isem għal Lazarus Long Ltd**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanżjarja u l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li kull wieħed mill-konvenuti ippreżenta mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Marzu 2023. Fil-kawża r-rikorrenti qiegħda timpunja l-Artikoli 12A, 13, 13A, 13B, 13C, 18 u 19 tal-Kap. 373 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01, bl-ilment ikun li

jiksru l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**<u>Fatti.</u>**

2. Ir-rikorrenti kienet tikkwalifika bħala 'persuna suġġetta' taħt il-Kap. 373 u regolamenti. Fil-fatt hi istituzzjoni finanzjarja u kellha liċenzja maħruġa mill-MFSA.

3. Il-Korp bagħat lir-rikorrenti ittra datata 14 ta' Settembru 2020 fejn infurmaha li ser jagħmel *"… an off-site examination (the 'Examination') on Phoenix Payments Limited (the 'Company') to assess the Company's compliance with the obligations under the PMLA and PMLFTR and the Ips or any applicable guidance issued by the FIAU….."* (fol. 760).

4. Bejn il-5 ta' Ottubru 2020 u t-12 ta' Novembru 2020 sar dak li l-Korp jirreferi għalih bħala *compliance review* fir-rigward tal-kumpanija rikorrenti. F'dan l-eżerċizzju ġew mistħarrġa 25 *file* ta' klijenti tar-rikorrenti.

5. Fid-9 ta' April 2021 il-Korp ħareġ *compliance review report* fil-konfront tar-rikorrenti (fol. 88). Rapport indirizzat lill-Bord tad-Diretturi tar-rikorrenti u bl-iskop ikun:

> *"a. Evaluate whether customer due diligence ('CDD') measures applied are effective in assessing and obtaining information on the purpose and*

*intended nature of the business relationship and establishing the business and risk profile of the customer in accordance with Regulation 7(1)(c) and Section 4.4 of the Ips; and*

*b. Evaluate ongoing monitoring processes, procedures and mechanisms in place in relation to the scrutiny of transactions, to assess the subject person's adherence with its obligations emanating from Regulation 7(2)(a) of the PMLFTR and Section 4.5.2 of the IPs".*

6. Fir-rapport jissemmew in-nuqqasijiet li nstabu min-naħa tal-Korp. Ir-rikorrenti ntalbet tibgħat is-sottomissjonijiet tagħha, jekk hemm bżonn b'dokumenti biex tissostanzja dak li ser tgħid fir-rigward. Dan kellu jsir fi żmien xahar minn meta tirċievi l-ittra. Jingħad ukoll li s-sottomissjonijiet jiġu kkunsidrati mill-Compliance Monitoring Committee tal-Korp, meta jiġi biex jiddetermina kienx hemm ksur ta' dispożizzjonijiet tar-regolament dwar prevenzjoni kontra *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu u l-proċeduri tal-Korp, u dwar penali amministrattiva jekk ikun il-każ.

7. B'referenza għall-imsemmi rapport ir-rikorrenti bagħtet ittra datata 7 ta' Mejju 2021 bis-sottomissjonijiet tagħha (fol. 769).

8. F'laqgħa li saret mill-Compliance Monitoring Committee fit-28 ta' Lulju 2021 sab li hemm ksur tar-regolamenti, u impona fuq ir-rikorrenti piena amministrattiva ta' €454,293 (fol. 665). Il-kumitat hu kompost mid-direttur tal-Korp, segretarja, u żewġ membri li huma l-kap tal-affarijiet legali u tal-Infurzar. Preżenti għal-laqgħa kien hemm żewġ uffiċjali tal-infurzar li huma impjegati tal-korp u li kienu involuti fl-investigazzjoni dwar ir-rikorrenti. Għal-laqgħa ma kienx preżenti rappreżentant tar-rikorrenti.

Ma jirriżultax li r-rikorrenti ntalbet li tibgħat rappreżentant tagħha għal-laqgħa.

9. B'ittra datata l-1 ta' Ottubru, 2021 il-Korp għarraf lill-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija rikorrenti bid-deċiżjoni tiegħu, u fih hemm spjegat x'nuqqasijiet instabu fir-rigward ta' kull wieħed mill-*files* tal-klijenti li jissemmew fl-ittra. Fl-ittra jingħad ukoll li l-Kumitat impona:

> *" - A penalty of €61,088 for the systematic failure to obtain information on the purpose and intended nature of the business relationship in over 71% of the files reviewed, in accordance with 7(1)(c) of the PMLFTR and Section 4.4.1 and 4.4.2 of the Ips.*
> *-A penalty of €79,111 for the failure to perform enhanced due diligence for high risk customers in 5 files, in accordance with Regulation 11(1)(b) of the PMLFTR and Section 4.9.1 of the Ips.*
> *-A penalty of €314,094 for the systematic breach of performing transaction monitoring, due to the evident widespread disregard of this important obligation, as evidence through the file specific findings, as per Regulation &(2)(a) of the PMLFTR and Section 4.5.2 of the Ips at the time of the compliance examination".*

10. Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-Korp. L-aggravju hu li f'ċerti każi l-Korp naqas milli jikkunsidra u janalizza b'mod adegwat it-tagħrif li tat ir-rikorrenti u piena amministrattiva sproporzjonata. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2022 minħabba l-kawża kostituzzjonali li fetħet ir-rikorrenti, il-Qorti ordnat li l-appell jiġi differit għall-informazzjoni (fol. 789).

11. M'hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti hi 'persuna suġġetta' taħt ir-regolamenti. Bħala tali għandha ċertu obbligi li jinkludu, li tagħmel *customer due diligence* (inkluż f'ċerti każijiet *enhanced due diligence*) u monitoraġġ tal-attivitajiet tal-klijent.

**<u>Rikors promotur</u>.**

12. Kien fis-27 ta' Jannar 2022 li r-rikorrenti fetħet il-kawża u talbet lill-Qorti sabiex:

i. *"Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 taR-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Phoenix hekk kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni; u/jew*

ii. *Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti huma nulli u bla effett; u/jew*

iii. *Tiddikjara li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet il-Minded Letter, jilledi l-Artikolu 6§3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni;*

iv. *Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew*

v. *Tiddikjara li d-Deċiżjoni jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

vi. *Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew*

vii. *Tiddikjara nulli u inattendibbli d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew*

viii. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmiaj fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti; u/jew*

ix. *Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun;"*

**<u>Tweġibiet</u>.**

13. Fit-22 ta' Frar 2022 wieġeb l-Avukat tal-Istat li:

*"<u>Preliminari</u>*

*i. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex <u>il-kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-Artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma jistax f'dan l-istadju jingħad li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju xieraq meta l-appell għadu lanqas biss instema'. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-Artikoli;*

*ii. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. L-Artikoli 12A, u /jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;*

*<u>Mertu</u>*

*iii. Illi <u>mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti</u>, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:*

*iv. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni*

*bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;*

v. *Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-Artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, ilpersuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu."*

vi. *Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - A verbis legis non est recedendum;*

vii. *Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

viii. *Illi b'referenza għall-Artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

ix. *Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "hard core of criminal law", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);*

x. *Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu;*

xi. *Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti l-Appell mid-deċiżjoni tal-Korp għadu ma ġiex deċiż, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;*

xii. *Illi l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-Artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;*

xiii. *Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;*

xiv. *Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-Artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;*

14. Fit-3 ta' Marzu 2022 wieġeb il-Korp konvenut fejn *inter alia* sostna li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju taħt Art. 13A tal-Kap. 373 li jipprovdi għal dritt ta' appell fuq fatti u liġi. Apparti li l-ilment tar-rikorrenti hu intempestiv għaliex id-deċiżjoni tal-Korp hi soġġetta għall-proċeduri ta' appell. Qal ukoll li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet tal-liġi li qegħdin jiġu impunjati. Imbagħad għadda biex jagħmel sottomissjonijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-proċess

li sar mill-Korp ma jiksirx il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. Il-Korp qal li mexa skont il-liġi u li l-proċeduri huma derivanti minn liġi tal-Unjoni Ewropea. Semma wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni li fuqhom ir-rikorrenti ibbażat il-kawża, mhumiex applikabbli għall-każ tal-lum għaliex il-Korp ma jiddeterminax kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp kriminali. Il-proċess hu amministrattiv u s-sanzjoni imposta hi wkoll amministrattiva. Żied li l-Korp għandu struttura li jiggarantixxi li min jiddeċiedi hu indipendenti u imparzjali, u l-persuna suġġetta għandha l-opportunità kollha li tressaq il-każ tagħha.

**<u>Sentenza tat-30 ta' Marzu, 2023.</u>**

*"61.Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

1. i. ***<u>Tilqa</u>**' l-ewwel talba rikorrenti, u tiddikjara illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap 373 u r-Regolament 21 tal-LS 373.01 jilledu d-drittijiet fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. ii. ***<u>Tilqa</u>**' t-tieni talba rikorrenti u tiddikjara illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap 373 u r-Regolament 21 tal-LS 373.01 huma nulli u bla effett;*

3. iii. *Konsegwentement, **<u>tilqa</u>**' s-sitt u s-seba' talbiet rikorrenti, u tiddikjara nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp, u d-Deċiżjoni illi rriżultat mill-istess;*

4. iv. ***<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra tas-soċjeta' rikorrenti stante illi, fid-dawl tal-premess, m'hemmx ħtieġa illi tali talbiet jiġu kkunsidrati;*

5. v. ***<u>Tordna</u>** illi meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, ir-Reġistratur tal-Qorti jibgħat kopja tagħha lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-fini tal-Artikolu 242(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat."*

15. Mis-sentenza appella kull wieħed mill-intimati filwaqt li r-rikorrenti wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

**<u>L-appell tal-FIAU</u>**.

16. <u>L-ewwel aggravju</u> jitratta dwar l-ewwel eċċezzjoni li ta l-Korp. Tilmenta li l-attriċi naqset milli fl-ewwel lok teżawrixxi r-rimedji ordinarji u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skont il-proviso tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tastjeni milli tqis il-kawża fil-meritu qabel tingħata sentenza fl-appell li r-rikorrenti ppreżentat *ai termini* tal-Art. 13A tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373). Hi ssostni li l-kawża hi prematura għaliex l-istħarriġ li ntalbet tagħmel il-Qorti hu dwar proċess li għadu għaddej u fl-ewwel lok għandu jiġi konkluż peress li ma jistax ikun hemm preżunzjoni li dak li ser tagħmel il-Qorti ser jirriżulta fi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

17. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> *"A.1. <u>Rimedju Ordinarju u Intempestivita'</u>*
>
> *2. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi l-kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża, u dan stante illi l-multa amministrattiva mogħtika mill-FIAU qiegħda tiġi kontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-Artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess eċċezzjoni ġiet sollevata mill-FIAU fl-ewwel żewġ paragrafi tar-risposta tiegħu. L-intimati qegħdin għalhekk jissottomettu illi din il-Qorti għandha tirrifjuta illi teserċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif kontemplat mill-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319;*

*3. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et**[1], il-Qorti Kostituzzjonali trattat appell minn kawża prattikament identika għal dik odjerna, fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta applikat l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319, u rrifjutat li teżerċita s-setgħa li tisma' u tiddeċiedi l-ilmenti attriċi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

> *20. Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f'din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta' fatt u ta' liġi. Madankollu, f'dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irriferiet l-attriċi, jiksurx il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art 49 tal-Kostituzzjoni u Art 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f'dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell li tipprovdi għalih il-liġi. M'hemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.*
>
> *21. Hu fatt li parti mill-ilment tal-attriċi hu dwar il-mod kif mexxa l-investigazzjoni l-FIAU qabel id-deċiżjoni, u l-attriċi għamlet referenza għall-Art 6(3) tal-Konvenzjoni u Art 39(6)(a). Normalment wieħed irid jistħarreġ il-proċess kollu u mhux jillimita ruħu għal xi stadju partikolari. F'dan ir-rigward fadal l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Madankollu jibqa' l-fatt li jkun x'ikun l-eżitu tal-proċess li għad irid isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), dak li ġara quddiem l-FIAU seħħ u l-attriċi tilmenta li fih innifsu dak il-proċess wassal għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali. Inoltre, dan l-ilment hu direttament konness mal-ilment li bih l-attriċi qiegħda tikkontesta provvedimenti tal-Att kontra l-Money Laundering, fosthom li l-FIAU hu awtorita' pubblika li bil-liġi jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin.*
>
> *22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami, l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u m'hemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.*

*4. In oltre, imbagħad, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Southern Cross SICAV plc vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**[2], saret referenza kemm għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **MPM Capital Investments Limited vs Avukat tal-Istat et**[3], illi jagħmlu referenza għaliha l-intimati fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, kif ukoll għal **Insignia** suċitata. Din il-Qorti osservat kif f'**MPM**, l-istess Qorti kienet iddeklinat li teżerċita s-setgħat tagħha, u minkejja illi d-deċiżjoni ta' din il-Qorti ġiet appellata, l-appell ġie dikjarat irritu u null u għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex il-*

[1] Rik Nru 175/2021, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Diċembru 2021

[2] Rik Kostituzzjonali Nru 121/2022, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ G Mercieca, 9 ta' Marzu 2023 (in ġudikat)

[3] Rik Kostituzzjonali Nru 212/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ G Mercieca, 15 ta' Novembru 2021 (in ġudikat)

*possibilita' illi tikkonsidra l-mertu. Madanakollu, wara, illi tagħmel referenza għal **Insignia**, din il-Qorti kif diversement presjeduta rrilevat:*

> *Minkejja kif jista' jaħsibha l-Imħallef sedenti, u minkejja li f'Malta m'għandniex id-duttrina tal-preċedent, huwa opportun li din il-Qorti ssegwi t-tagħlim tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, sabiex ikun hemm konsistenza fis-sentenzi li jingħataw f'ġieħ iċ-ċertezza tad-dritt, u wkoll għaliex huwa prinċipju ġeneralment aċċettat li l-Qrati tal-Prim'Istanza m'għandhomx jiddistakkaw ruħhom leġġerment mill-qagħda li tieħu l-Qorti suprema.*

*Din il-Qorti hija tal-istess fehma, u tqis illi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali għandu jiġi applikat saħansitra anke għall-każ odjern. Għaldaqstant, għall-istess raġunijiet esposti mill-Qorti Kostituzzjonali f'**Insigna**, din il-Qorti sejra **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat u mill-FIAU".*

18. Skont l-Art. 13A tal-Kap. 373 kull min irid jilmenta mill-piena amministrattiva li tiġi imposta mill-Korp u tkun ta' iktar minn €5,000, għandha jedd tappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), li għandu jiġi ppreżentat fi żmien 20 jum mid-data tal-għoti tal-piena amministrattiva.

19. Però f'dan il-każ ir-rikorrenti qiegħda timpunja wkoll dispożizzjonijiet tal-Kap. 373 u ta' regolamenti f'Leġislazzjoni Sussidjarja u tilmenta li jiksru l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq protett taħt l-Art. 39(1) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni (l-ewwel, it-tieni u raba' talbiet).

20. Ovvjament ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-Korp għaliex ma taqbilx mad-deċiżjoni u ma riditx tieħu r-riskju li jsir xi argument li kellha rimedju ordinarju u m'għamlitx użu minnu. Pero' fil-kawża tal-lum qiegħda

ssostni li ma kellhiex smigħ xieraq quddiem il-Korp, għaliex *inter alia* mhijiex qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali. Saħansitra qiegħda timpunja wkoll l-Art. 13A tal-Kap. 373 li hi d-dispożizzjoni li tagħti l-jedd tal-appell.

21. L-Ewwel Qorti segwiet dak li ddeċidiet din il-Qorti fis-sentenza **<u>Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et</u>** tal-1 ta' Diċembru 2021. Ovvjament, mhuwiex magħruf x'ser ikun l-eżitu tal-appell li għad irid jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri).

22. Rilevanti wkoll li fejn l-Ewwel Qorti tkun iddeċidiet li teżerċita l-poter tagħha taħt l-Art. 46 u l-Art. 4 tal-Kap. 319 u tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti fil-meritu, dik id-diskrezzjoni m'għandhiex faċilment tiġi mittiefsa fl-istadju tal-appell.

23. Jibqa' l-fatt li b'din il-kawża r-rikorrenti mhijiex tattakka biss dak li sar mill-Korp, iżda l-liġi stess. Ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li l-liġi tikser l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni għaliex il-proċess amministrattiv ma jsirx quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali, iżda quddiem awtorità. Mir-rikors promotur hu evidenti li r-rikorrenti qiegħda tippretendi li dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw f'kull stadju tal-proċess għaliex hemm involut 'reat kriminali'

(taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni) u *'criminal charge'* taħt l-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-fatt li skont il-liġi min qiegħed fil-pożizzjoni tar-rikorrenti għandu jedd li jappella quddiem qorti, mhuwiex biżżejjed. Hu fatt li għadu mhux magħruf jekk l-appell tar-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Superjuri) huwiex ser jintlaqa' u titħassar id-deċiżjoni tal-Korp jew huwiex ser jiġi miċħud. Saħansitra, il-Qorti tal-Appell stess għażlet li tistenna l-eżitu ta' din il-kawża qabel tkompli tisma' l-appell.

24. Hu minnu li pereżempju fis-sentenza **Grande Stevens and Others vs Italy** (18640/10) tal-4 ta' Marzu 2014, il-QEDB għamlet stħarriġ tal-proċess kollu biex waslet għad-deċiżjoni jekk seħħx ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Però f'dak il-każ il-QEDB ma stħarrġitx jekk ir-rikorrenti kinux eżawrew ir-rimedji li kellhom taħt il-liġi Taljana, għaliex dak il-punt ma qamx. L-ilment quddiem dik il-Qorti sar wara li l-proċess amministrattiv kollu kien sar u għalhekk kien ovvju li għamlet stħarriġ ta' dak li sar quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Turin. Għalhekk ma qamitx il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti kinux eżawrew ir-rimedji ordinarji fl-Italja.

25. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti mhijiex tal-fehma li hemm bażi sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-Ewwel Qorti.

26. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

27. It-tieni aggravju tal-Korp tolqot dik il-parti tas-sentenza appellata dwar l-eċċezzjoni li ta l-Korp li mhuwiex il-leġittimu kontradittur dwar dawk l-ilmenti li jolqtu l-liġi *per se* (ara tielet paragrafu tat-tweġiba tal-Korp a fol. 284). Il-Korp isostni li l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' mingħajr kwalifika għaliex kienet limitata għat-talbiet li jikkonċernaw il-liġi. *Inoltre*, il-limitazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti tikkontradixxi r-raġunament tagħha, u semmai l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' fir-rigward tat-talbiet li jikkonċernaw il-liġi u mhux bil-kontra.

28. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma jingħad xejn dwar dik l-eċċezzjoni. Madankollu, fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza intqal hekk:

*"A.2. Il-Korp mhuwiex il-Leġittimu Kontradittur*

1. *Fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, l-FIAU jeċċepixxi illi in kwantu għal-lanjanzi mmirati lejn il-Liġi nnifisha, huwa mhux il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi b'mod imparzjali u indipendenti minn entitajiet oħra, b'dana illi ma jistax jinstab li jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti stante illi l-kwistjoni dwar jekk il-liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat;*

2. *Din il-Qorti tinnota illi fil-kawża odjerna mhix il-liġi viġenti biss illi qiegħda tiġi kontestata bħala leżiva għad-drittijiet fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti, iżda saħansitra anke:*

    a. *"l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni"; u*

    b. *"l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 (Remote Gaming) maħruġa mill-Korp ('l-Implementing Procedures') abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni [...] Dan għaliex, il-Korp*

*abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa abitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Phenix kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi"*[4]

*3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-FIAU jissottometti, "L-esponenti jattira l-attenzjoni illi din l-eċċezzjoni tiegħu hija waħda kwalifikata billi tirreferi* ***biss*** *għal dawk it-talbiet li jirrigwardaw il-konfromita' o meno tal-Liġi mal-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni."*[5]*;*

*4. Jidher għalhekk illi l-FIAU stess qed jirrikonoxxi illi hemm talbiet illi fihom huwa leġittimu kontradittur, qua l-Korp illi mexxa l-proċess hekk imsejjaħ "investigattiv", u ħa d-deċiżjoni aħħarija illi permezz tagħha ġiet imposta l-multa amministrattiva;*

*5. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet* ***Southern Cross SICAV plc*** *suċitata, fejn intqal:*

> *Il-Qorti taqbel li l-Korp ma jweġibx għal allegazzjonijiet ta' liġijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem. B'danakollu, din mhix l-unika talba tar-rikorrenti, li qiegħda tilmenta wkoll dwar il-mod kif il-Korp mexxa l-investigazzjonijiet tiegħu u l-mod kif iddeċieda. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi mwarrba safejn it-talbiet ma jikkonċernawx xi liġi jew xi regolament.*

*Din il-Qorti taqbel pienament ma' din il-konklużjoni, u sejra tadotta l-istess għall-każ odjern, b'dana illi* ***<u>tilqa'</u>*** *l-eċċezzjoni sollevata mill-FIAU fit-tielet paragrafu tar-risposta tiegħu* ***<u>limitatament</u>*** *fir-rigward tat-talbiet illi ma jikkonċernawx il-liġijiet u/jew regolamenti in vigore"*.

29. L-ilment tal-Korp hu dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti qalet li tilqa' l-eċċezzjoni tal-Korp *".... limitatament fir-rigward tat-talbiet illi ma jikkonċernawx il-liġijiet u/jew regolamenti in vigore"*.

30. Hu evidenti li dak kien żball tal-pinna min-naħa tal-Qorti li kellha tgħid li l-Korp mhuwiex leġittimu kontradittur għal dak li jikkonċerna l-liġijiet u/jew regolamenti fis-seħħ (l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikors promotur).

---

[4] Vide para 4(b) tar-Rikors Kostituzzjonali, a fol 2-3 tal-proċess
[5] Vide para 47 tan-nota ta' sottomissojnijiet tal-FIAU, a fol 844 tal-proċess

31. Għalhekk tilqa' t-tieni aggravju.

32. <u>It-tielet aggravju</u> hu dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li biha l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-Artikoli 13(2) tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01 jiksru l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni. Il-Korp jilmenta li:

i. "Art. 39(1) japplika biss għal sanzjonijiet ta' natura kriminali, filwaqt li s-sanzjonjiet li timponi r-rikorrenti huma biss amministrattivi. Għalhekk Art. 39(1) ma japplikax;
ii. Id-deċiżjoni ma tistax tiġi bbażata fuq l-Art. 6 tal-Konvenzjoni għaliex il-garanziji mhumiex identiċi ma' dawk tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni. Distinzjoni prinċipali hi li filwaqt li l-Konvenzjoni trid li s-smigħ ikun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali, il-Kostituzzjoni teżiġi smigħ quddiem qorti.
iii. F'kull każ, l-applikazzjoni tal-kriterji Engel ma kellhiex twassal għall-konklużjoni illi s-sanzjoni imposta hi ta' natura kriminali.

33. Dwar dan l-aggravju, ir-rikorrenti għamlet referenza għas-sentenzi **<u>Federation of Estates vs DG (Kompetizzjoni) et</u>** u **Rosette Thake et vs Kummissjoni Elettorali et**, li tat din il-Qorti. Għamlet ukoll referenza għas-sentenzi tal-QEDB, **<u>Jussila v Finland</u>** u **<u>Engel & Others v the</u>**

**Netherlands**. Saħqet li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali hi simili għal dik tal-QEDB.

34. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

*"A.3. <u>L-Ilmenti Rikorrenti ma jirrigwardawx akkużi jew proċeduri kriminali</u>*

1. *Fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi l-ilmenti tal-kumpanija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' xi akkużi jew proċeduri kriminali. L-istess eċċezzjoni ġiet sollevata mill-FIAU, illi fil-paragrafi sebgħa sa għaxra tar-risposta tagħha ssostni illi l-Artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern (illi jirriwgarda kwestjoni amministrattiva) in kwantu tali Artikoli jipprovdu esklussivament għall-garanziji fil-kamp kriminali;*

2. *Huwa minnu illi, hekk kif isostni l-FIAU, hemm distinzjoni bejn ir-reat ta' ħasil ta' flus fit-termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 373 u pieni amministattivi għal nuqqas ta' konformita ma' kull ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima maħruġa mill-FIAU fit-termini tar-Regolament 21 tal-LS 373.01. Infatti, filwaqt illi fil-każ tar-reat ta' ħasil ta' flus il-proċeduri jitmexxew quddiem il-Qrati penali, pieni amministrattivi jiġu imposti mill-FIAU. Il-każ odjern si tratta dwar piena amministrattiva fit-termini tar-Regolament 21 tal-LS 373. 01;*

3. *L-FIAU jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi dawn il-pieni ma ġewx klassifikati bħala ta' natura "amministrattiva" fil-liġi domestika biss, iżda huma trasposizzjoni diretta tal-Artikolu 59 tad-Direttiva 2015/849/EU, b'dana illi għalhekk ma jistgħux jitqiesu en par mal-pieni ta' natura penali kontemplati fl-Artikolu 3 tal-Kap 373;*

4. *Recital 59 tad-Direttiva 2015/849/EU[6] jispjega illi:*

> *The importance of combating money laundering and terrorist financing should result in Member States **laying down effective, proportionate and dissuasive administrative sanctions and measures in national law for failure to respect the national***

[6] DIRECTIVE (EU) 2015/849 OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL of 20 May 2015 on the prevention of the use of the financial system for the purposes of money laundering or terrorist financing, amending Regulation (EU) No 648/2012 of the European Parliament and of the Council, and repealing Directive 2005/60/EC of the European Parliament and of the Council and Commission Directive 2006/70/EC

> ***provisions transposing this Directive**. Member States currently have a diverse range of administrative sanctions and measures for breaches of the key preventative provisions in place. That diversity could be detrimental to the efforts made in combating money laundering and terrorist financing and the Union's response is at risk of being fragmented. **This Directive should therefore provide for a range of administrative sanctions and measures by Member States at least for serious, repeated or systematic breaches of the requirements relating to customer due diligence measures, record-keeping, reporting of suspicious transactions and internal controls of obliged entities**. The range of sanctions and measures should be sufficiently broad to allow Member States and competent authorities to take account of the differences between obliged entities, in particular between credit institutions and financial institutions and other obliged entities, as regards their size, characteristics and the nature of the business. In transposing this Directive, Member States should ensure that the imposition of administrative sanctions and measures in accordance with this Directive, and of criminal sanctions in accordance with national law, does not breach the principle of ne bis in idem.*[7]

5. *Huwa evidenti għalhekk illi dawn l-hekk imsejħa "pieni amministrattivi" jiġu imposti biex iservu bħala penali għal min jikser l-obbligi tiegħu illi jkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima maħruġa mill-FIAU, jew xi dispożizzjoni tar-Regolamenti jew xi proċeduri jew linji gwidi maħruġa skont ir-Regolamenti, kif ukoll ta' deterrent billi għandhom l-iskop illi jipprevjenu ksur ta' Regolamenti fil-futur;*

6. *Il-kirterja ta' dak illi għandu jitqies bħala "akkuża kriminali" għall-iskopijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew delineati fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Engel and Others v. The Netherlands***[8]*,*

> *In this connection, it is first necessary to know **whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently**. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.*
>
> *The **very nature of the offence** is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act or omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect, the Court expresses its agreement with the Government.*

[7] Emfasi miżjuda minn din il-Qorti
[8] Appl Nru 5100/71, 5101/71, 5102/71, 5354/72 u 5370/72, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 8 ta' Ġunju 1976

> *However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration* ***the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring****. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the Contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so (see, mutatis mutandis, the De Wilde, Ooms and Versyp judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, p. 36, last sub-paragraph, and p. 42 in fine).*
>
> *83. It is on the basis of these criteria that the Court will ascertain whether some or all of the applicants were the subject of a "criminal charge" within the meaning of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

7. *Tlieta, għalhekk, huma l-kriterji illi jiddeterminaw dak illi jitqies bħala 'akkuża kriminali' fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni: (i) il-klassifikazzjoni taħt il-liġi domestika; (ii) in-natura tal-offiża; u (iii) in-natura u l-gravita' tal-piena;*

8. *Dwar dawn it-tliet kriterji, jgħidu* **Harris, O'Boyle u Warbrick** *fil-ktieb tagħhom* ***Law of the European Convention on Human Rights***[9]*:*

> *The first is crucial in that if the applicable national law classifies the offence as criminal, it is automatically such for the purposes of Article 6 too. This is because the legal and social consequences of having a criminal conviction make it imperative that the accused has a fair trial. In cases in which the offence is not classified as criminal in national law, the other two criteria listed above – the nature of the offence and the possible punishment – come into play. These two criteria are 'alternative and not necessarily cumulative'; but a cumulative approach may be adopted where neither criteria by itself is conclusive. [****Ezeh and Conners v UK*** *2003-X; 39 EHRR 1 para 86 GC] In practice, there have been a number of cases of offences characterised as disciplinary or regulatory or that are otherwise analogous to criminal offences without being classified as such in national law in which this 'one-way' autonomous meaning of 'criminal' in Article 6 has been important. [...]*
>
> *As to the 'nature' of the offence, the purpose of the offence must be deterrent and punitive, not compensatory, these being 'the customary distinguishing feature of a criminal penalty'. The offence should also extend to the population at large, although it may be limited to such general categories of persons as taxpayers and road users. The minor nature of an offence does not detract from its inherently criminal character.*
>
> *[...]*

---

[9] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (OUP, 2nd Edn, 2009) p 205, 206 u 208

> *As to the third criterion, the Court looks to the nature and severity of the possible, not the actual, punishment. [...]*

9. *Fil-każ odjern, l-allegati nuqqasijiet illi a bażi tagħhom ġiet imposta l-multa amministrattiva fuq is-soċjeta' rikorrenti, m'humiex espressament reati, cioe m'humiex speċifikament klassifikati bħala formanti parti mil-liġi penali ta' Malta, b'dana illi għalhekk l-ewwel kriterju t'**Engel** ifalli;*

10. *Madanakollu, iżda, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, in-natura tal-offiża illi a bażi tal-allegazzjoni tagħha ġiet imposta l-multa amministrattiva, ma tistax titqies bħala waħda kompensatorja, iżda bħala waħda illi sservi ta' deterrent;*

11. *Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Rosette Thake noe et vs Kummissjoni Elettorali et**[10], il-Qorti Kostituzzjonali kellha quddiemha każ fejn il-Kummissjoni Elettorali imponiet multa amministrattiva fuq partit politiku, fi proċeduri illi r-rikorrenti sostnew illi kienu jilledu d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. L-inapplikabilita' tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ġiet ukoll sollevata mill-Kummissjoni Elettorali, a bażi tal-fatt illi multa amministrattiva m'għandhiex natura penali. Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:*

> *[L]-massimu tal-multa amministrattiva li tista' timponi l-Kummissjoni huwa wieħed inġenti u huwa intiż sabiex iservi ta' piena għal min jikser l-obbligi tiegħu taħt l-Att u huwa wkoll ta' deterrent billi għandu l-għan li jipprevjeni aġir vjolattiv tal-Att. Għalhekk il-multa fil-livell massimu tagħha kontemplata fil-liġi ma tistax titqies bħala riżarċiment tad-danni jew bħala multa purament amministrattiva. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika, lokali u ewropea, citata in extenso mill-Ewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva għandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tingħata fil-liġi domestika, iżda tiddependi wkoll minn natura u mis-severita' tal-multa.*
>
> *63. Kif osservat din il-Qorti fil-każ **Angelo Zahra vs Prim Ministru**, ċitata fis-sentenza appellata, "hemm każijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bħala penali għax tenut kont tas-severita' tagħha titqies derivanti minn akkuża kriminali għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni." Ukoll kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-każ **Ezeh and Connors v. The United Kindom** ċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-każ **Federation of Estate Agents**:*
>
> *" the very nature of the offence is a factor of greater import ... However, supervision by the Court ... Would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring ... ".*

---

[10] Rik Nru 25/2017, Qorti Kostituzzjonali, 8 t'Ottubru 2018

> *64. Fil-każ odjern il-multa m'hijiex intiża li tirrappreżenta kumpens pekunjarju għal dannu soffert, iżda hija essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent, imposta bi skop punitiv u li sservi ta' deterrent. Għaldaqstant ladarba l-multa amministrattiva għandha n-natura penali titqies li tirriżulta minn akkuża kriminali, b'mod li allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi." [...]*

12. *Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-istess insenjament japplika in toto għall-każ odjern, anke jekk dwar mertu divers, stante illi l-multa amministrattiva f'**Thake** għandha l-istess għan u skop bħall-multa amministrattiva mertu tal-każ odjern. Infatti, hekk kif tajjeb tosserva s-soċjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-Sanctions Policy tal-FIAU stess tisabbilixxi illi:*

> *Administrative penalties are **an important punitive measure** and may be imposed by the CMC for breaches of lawful requirements, orders, directives envisaged under the PMLA or PMLFTR, or for non-compliance with AML/CFT obligations under the PMLFTR or other binding procedures issued by the FIAU including the Implementing Procedures Part I and II.*[11]

*Imbagħad, aktar 'il quddiem fl-istess dokument:*

> *The need to take punitive action is based on the understanding that misconduct should give rise to punishment and that subject persons should not be allowed to make financial gain from breaches of AML/CFT obligations. Moreover, measures should serve to dissuade the subject person from carrying out further breaches in the future, but also to dissuade all other subject persons from not adhering to their AML/CFT obligations and send a clear message that non-compliance will have serious repercussions. To this end, the CMC considers administrative penalties to contribute to dissuasiveness.*[12]

*Konsegwentement, għalhekk, huwa sodisfatt l-ewwel parti tat-tieni kriterju t'**Engel**;*

13. *Dwar it-tieni parti tat-tieni kriterju, u cioe illi "The offence should also extend to the population at large, although it may be limited to such general categories of persons as taxpayers and road users", l-FIAU jissottometti illi l-każ odjern si tratta dwar obbligi regolatorji illi jinkombu esklussivament fuq il-Persuni Suġġetti kif definiti mir-Regolamenti, u ma jorbtux lill-pubbliku b'mod in ġenerali, b'dana illi għalhekk it-tieni kriterju lanqas huwa sodisfatt;*

14. *Din il-Qorti, iżda, ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-Qorti hija tal-fehma illi Persuni Soġġetti, għall-fini tal-LS 373.01, jikklassifikaw bħala*

---

[11] Vide para 1.1 f'paġna 5 tas-*Sanctions Policy*, a fol 671 tal-proċess (emfasi tal-Qorti)
[12] Vide para 2.1 f'paġna 9 tas-*Sanctions Policy,* a fol 675 tal-proċess

*'general category of persons', u mhux bħala "a given group with a particular status" (**Bendenoun v. France**[13]). Fis-sentenza magħrufa fl-ismijiet **Öztürk v. Germany**, il-Qorti ta' Strasburgu qalet illi f'każ ta' sewqan negliġenti illi fit-termini tal-liġi Ġermaniza m'huwiex klassifikat bħala reat kriminali:*

> *It is a rule that is directed, not towards a given group possessing a special status – in the manner, for example, of disciplinary law – but towards all citizens in their capacity as road-users; it prescribes conduct of a certain kind and makes the resultant requirement subject to a sanction that is punitive. Indeed, the sanction – and this the Government did not contest – seeks to punish as well as to deter. It matters little whether the legal provision contravened by Mr Öztürk is aimed at protecting the rights and interests of others or solely at meeting the demands of road traffic. These two ends are not mutually exclusive. Above all, the general character of the rule and the purpose of the penalty, being both deterrent and punitive, suffice to show that the offence in question was, in terms of Article 6 (art. 6) of the Convention, criminal in nature.*

5. *Hekk ukoll, ir-Regolamenti tal-LS 373.01 huma, fl-opinjoni tal-Qorti, indirizzati lejn kwalunkwe persuna fil-pubbliku in ġenerali illi hija 'persuna soġġetta'. Dan b'mod analogu għal kif, fil-każ **Thake**, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minkejja illi l-provvedimenti illi dwarhom kienet ġiet intavolata l-kawża Kostituzzjonali kienu immirati lejn partiti politiċi;*

6. *Huwa fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinarji interni ta' grupp illi jkollu status speċjali illi l-Qorti Ewropea tqis illi l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ma japplikax. **Harris, O'Boyle u Warbrick** jagħtu eżempju:*

> *Disciplinary offences involving professional misconduct by members of the liberal professions are seen as an internal regulatory matter that does not fall within Article 6, even though a severe punishment – such as a heavy fine, suspension, or striking-off – may be imposed. [**Brown v. UK,** No 38644/97 Hudoc (1998) DA (Solicitor) and **Wickramsinghe v. UK** No 31503/96 Hudoc (1997) DA (Doctor)] These may, however, in some cases fall within Article 6 as involving the determination of 'civil rights and obligations'. [**Albert and Le Compte v. Belgium** A 58 (1983); 5 EHRR 533 PC] Disciplinary offences by civil servants and the police are likewise not criminal, even though they may lead to dismissal.*[14]

7. *Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi l-piena amministrattiva inflitta fil-każ odjern għandha natura penali, b'dana illi l-**Artikolu***

[13] Appl Nru 12547/86, Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, 24 ta' Frar 1994
[14] Harris, O'Boyle & Warbrick, op cit, p. 207

> ***39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea japplikaw għall-każ odjern"*.**

35. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi biss dwar l-Art. 13(2) tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01.

36. L-Artikolu 13(2) tal-Kap. 373 jipprovdi li l-pieni amministrattivi jiġu imposti mill-Korp *"..... konformement ma' kull politika u proċedura stabbilita mill-Bord ta' Gvernaturi msemmija fl-Artikolu 18, minn żmien għal żmien"*. Imbagħad, regolament 21 tal-L.S. 373.01 jipprovdi x'inhuma l-pieni u jipprovdi li jiġu imposti mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti u skont il-*policies* u proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi li jridu *".... jiżguraw l-imposizzjoni ta' pieni amministrattivi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi"*.

37. F'dan il-każ il-Korp iddeċieda li r-rikorrenti kisret regolamenti 7(2)(a) tal-Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism (S.L. 373.01) li jikkonċernaw u sezzjoni 4.5.2 u l-Implimenting Procedures pubblikati biex iservu ta' gwida lil *subject persons*. Regolament 7 jitratta dwar monitoraġġ kontinwu tar-relazzjoni kummerċjali filwaqt li Sezzjoni 4.5.2 tipprovdi dwar *Transaction Monitoring*.

38. Skont l-Art. 15 tal-Kap. 373, il-Korp hi aġenzija tal-Gvern. Wieħed mid-dmirijiet tal-Korp hu *"(ċ) li jissorvelja konformita' mill-persuni suġġetti......"* (Artikolu 16). Mil-liġi hu evidenti li dan il-Korp għandu rwol prinċipali biex jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled il-*money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu. M'hemmx dubju li l-Korp mhuwiex tribunal indipendenti jew qorti. Fuq hekk m'għandu jkun hemm l-ebda kontroversja.

39. Fl-ewwel lok hemm kwistjoni dwar jekk il-piena amministrattiva li jimponi l-Korp huwiex *'reat kriminali'* skont l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni u *'criminal charge'* skont l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

40. L-Ewwel Qorti tat deċiżjoni biss dwar l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni, li jipprovdi:-

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi"*.

41. Il-Qorti tosserva li l-Kodiċi Kriminali jipprovdi *inter alia* li:

i. "Ir-reati huma delitti jew kontravvenzjonijiet;
ii. Il-pieni għalihom jinkludu l-priġunerija jew detenzjoni (Art. 7);
iii. L-azzjoni kriminali titmexxa mill-Avukat Ġenerali jew il-pulizija skont il-każ (Art. 4);

iv. Meta l-multa ma titħallasx tiġi konvertita f'priġunerija (Art. 11(2)). Hekk ukoll meta l-ammenda ma titħallasx tiġi konvertita f'detenzjoni (Art. 13(2));

v. Jiġi konfiskat kull min ikun ġie miksub bid-delitt (Art. 23);

vi. Hemm ir-reċidiva għal dawk ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija (Art. 28F);"

42. Fil-każ in eżami m'hemm xejn minn dan u l-Kodiċi Kriminali ma japplikax f'dawn it-tip ta' proċeduri. Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea wkoll tagħmel distinzjoni bejn proċeduri kriminali u dawk amministrattivi. Fil-fatt l-Art. 58 jipprovdi:

> *"2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu tali sanzjonijiet u miżuri fir-rigward ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati"*.

43. Hu fatt li l-*Engel criteria* ġew żviluppati mill-QEDB għall-finijiet tal-applikazzjoni u interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li hi awtonoma mill-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan il-kuntest fil-ktieb *Harris, O'Boyle and Warbrick: Law of the Eurropean Convention on Human Rights*, intqal:

> *"Criminal has an autonomous Convention meaning. Otherwise, if the classification of an offence in the law of the contracting parties were regarded as decisive, a state would be free to avoid the Convention obligation to ensure a fair trial in its discretion. I would also result, in this*

*context, in an unacceptably uneven application of the Convention from one state to another"*.[15]

44. Il-QEDB tirrikonoxxi li wessgħet it-tifsira ta' *'criminal charge'* għall-finijiet tal-Konvenzjoni (ara **Jussila v Finland** tat-23 ta' Novembru 2006) fejn qalet:

> *"Notwithstanding the consideration that a certain gravity attaches to criminal proceedings, which are concerned with the allocation of criminal responsibility and the imposition of a punitive and deterrent sanction, it is self-evident that there are criminal cases which do not carry any significant degree of stigma. There are clearly "criminal charges" of differing weight. What is more, the autonomous interpretation adopted by the Convention institutions of the notion of a "criminal charge" by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Öztürk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v. France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Société Stenuit v. France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v. France, no. 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency (see Bendenoun and Janosevic, § 46 and § 81 respectively, where it was found compatible with Article 6 § 1 for criminal penalties to be imposed, in the first instance, by an administrative or non-judicial body, and, a contrario, Findlay, cited above)"*.

45. Hu fatt li l-Kostituzzjoni saret liġi qabel l-introduzzjoni tal-kriterji Engel, meta saħansitra ma kienx possibbli li kumpanija tkun akkużata b'reat kriminali.

46. Madankollu, kif din il-Qorti diġà applikat l-Engel criteria f'każijiet oħra li kienu jinvolvu sanzjoni amministrattiva meta l-ilment kien relatat mal-

[15] Edizzjoni 5 (2023), paġna 380.

Art. 39 tal-Kostituzzjoni, ser tkompli ssegwi dik il-ġurisprudenza. Każijiet li fihom din il-Qorti tat lill-kliem *'reat kriminali'* fl-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni t-tifsira awtonoma u wiesgħa li tingħata mill-QEDB minflok dik li tista' tasal għaliha minn qari tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9). Hekk pereżempju huma s-sentenzi **Rosette Thake v Kummissjoni Elettorali** tat-8 ta' Ottubru 2018 u **Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)** tat-3 ta' Mejju 2016).

47. Hu fatt ukoll li pieni amministrattivi jista' jkollhom konsegwenzi serji fuq min jiġu imposti, partikolarment meta jkunu severi.

48. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tkompli tistħarreġ il-każ fuq l-*Engel criteria* żviluppati mill-QEDB. B'hekk tkun qiegħda tiżgura li tkompli tingħata tifsira awtonoma għall-kliem 'reat kriminali' tal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni. B'dan il-mod jiġi mistħarreġ x'inhi n-natura vera ta' infrazzjoni regolamentarja fejn il-liġi ordinarja tipprovdi għal sanzjoni amministrattiva, meta l-eżerċizzju jsir għall-finijiet tal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni li jiggarantixxi l-jedd għal smigħ xieraq quddiem qorti f'każ li persuna tkun akkużata b'reat kriminali.

49. Fir-raba' aggravju l-Korp isostni li f'kull każ l-applikazzjoni tal-*Engel criteria* xorta waħda ma kellhiex twassal għall-konklużjoni illi l-piena

amministrattiva hi ta' natura kriminali. Għalhekk f'kull każ ma japplikax l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni.

50. Fit-tweġiba r-rikorrenti spjegat għaliex fil-fehma tagħha t-tieni u t-tielet Engel criteria mhumiex sodisfatti. M'hemmx kontestazzjoni dwar l-ewwel kriterju. Fil-fatt ir-rikorrenti stess tikkonferma li m'hemmx kontestazzjoni li s-sanzjoni hi waħda amministrattiva.

51. Fil-każ <u>Grande Stevens and others</u>, il-QEDB reġgħet ikkonfermat li:

> *"94. The Court reiterates its established case-law that, in determining the existence of a "criminal charge", it is necessary to have regard to three factors: the legal classification of the measure in question in national law, the very nature of the measure, and the nature and degree of severity of the "penalty" (see Engel and Others v. the Netherlands, 8 June 1976, § 82, Series A no. 22). Furthermore, these criteria are alternative and not cumulative ones: for Article 6 to apply in respect of the words "criminal charge", it suffices that the offence in question should by its nature be "criminal" from the point of view of the Convention, or should have made the person concerned liable to a sanction which, by virtue of its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere. This, however, does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a "criminal charge" (see Jussila v. Finland [GC], no. <u>73053/01</u>, §§ 30 and 31, ECHR 2006-XIII, and Zaicevs v. Latvia, no. <u>65022/01</u>, § 31, ECHR 2007-IX (extracts))".*

52 Fl-ewwel lok, fil-Kap. 373 is-sanzjonijiet li jimponi l-Korp huma klassifikati bħala pieni amministrattivi. Għalhekk skont dik il-liġi n-nuqqasijiet attribwiti lill-attriċi mhumiex reati kriminali. Kriterju li dwaru m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

53. Però l-eżerċizzju ma jieqafx hawn. Jekk jieqaf hawn ikun ifisser li kulma jkollha tagħmel il-leġiżlatura hu li fil-liġi u regolamenti relevanti ma ssemmix li l-infrazzjoni hi reat kriminali. Mela filwaqt li persuna tgawdi minn ċertu garanziji fil-każ ta' reat, li jinkludu kontravenzjonijiet, mhux l-istess jiġri f'każ fejn l-att jew l-ommissjoni ma jiġux deskritti bħala reat. Dan minkejja l-konsegwenzi mill-aspett finanzjarju li l-pieni amministrattivi jista' jkollhom fuq il-persuna soġġetta.

54. Fit-tieni lok, il-pieni amministrattivi in eżami huma fihom infushom ta' natura punittiva u wkoll iservu ta' deterrent biex il-persuni soġġetti jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'mod konformi mar-regolamenti magħmula sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus. Li huma ta' natura punittiva jirrikonoxxih l-istess Korp fid-dokument, *Anti-Money Laundering/Counter-Financing of Terrorism ('AML/CFT') Sanctions Policy* (ara paġna 5 u 9 tad-dokument) fejn *inter alia* jingħad:

> *"The need to take punitive action is based on the understanding that misconduct whould give rise to punishment and that subject persons should not be allowed to make financial gain from braches of AML/CFT obligations. Moreover, measures should serve to dissuade the subject person from carrying out further breaches in the future, but also to dissuade other subject persons from not adhering to AML/CFT obligations and send a clear messag that non-compliance will have serious repercussions. To this end, the CMC considers administrative penalites to contribute to dissuasiveness".*

55. Għan li wara kollox joħroġ ukoll mid-direttiva tal-Unjoni Ewropea 849/2015, li tissemma wkoll fil-Kap. 373. Hekk pereżempju fil-prejambolu tad-direttiva jingħad:

> *"(1) Il-flussi ta' flus illeċiti jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju, u jheddu s-suq intern tal-Unjoni kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali. Il-ħasil ta' flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jibqgħu problemi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Minbarra l-iżvilupp ulterjuri tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali fil-livell tal-Unjoni, il-prevenzjoni mmirata u proporzjonata tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija indispensabbli u tista' tipproduċi riżultati komplementari.*
>
> *…………..*
>
> *(59) L-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha twassal lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali għan-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. Attwalment l-Istati Membri għandhom stabbilita firxa varja ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet preventivi ewlenin. Dik id-diversità tista' tkun ta' detriment għall-isforzi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-rispons tal-Unjoni huwa f'riskju li jkun frammentat. Għalhekk din id-Direttiva għandha tipprovdi firxa ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi mill-Istati Membri għal-inqas għal ksur serju, ripetut jew sistematiku tar-rekwiżiti relatati ma' miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, iż-żamma ta' rekords, ir-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni ta' entitajiet marbutin b'obbligu. Il-firxa ta' sanzjonijiet u miżuri għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tippermetti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw id-differenzi bejn entitajiet marbutin b'obbligu, b'mod partikolari bejn istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u entitajiet marbutin b'obbligu oħra, fir-rigward tad-daqs, il-karatteristiċi u n-natura tan-negozju tagħhom. Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem.".*

56. M'hemmx dubju wkoll li dawk ir-regolamenti japplikaw mhux għal kulħadd iżda għal grupp ta' nies li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' persuni

soġġetti, u ċjoè istituzzjonijiet finanzjarji u dawk li jagħmlu 'attività rilevanti' (ara reg 2 tal-L.S. 373.01). Dawn jinkludu pereżempju awdituri, *accountants*, konsulenti tat-taxxa, aġenti tal-proprjetà, nutara u professjonisti oħra, dawk li għandhom liċenzji ta' *casinos* u *gaming*, u kull persuna li tinnegozja f'oġġetti bi ħlas ta' flus kontanti f'ammont ekwivalenti għal €10,000 jew iktar u oħrajn. Għalhekk hemm firxa konsiderevoli ta' persuni li jaqgħu f'dik id-definizzjoni u li għalihom japplikaw ir-regolamenti u l-linji gwida tal-Korp.

57. Għal dik li hi piena amministrattiva, regolament 21 tal-L.S. 373.01 jipprovdi li l-piena amministrattiva fejn persuna suġġetta tonqos milli tkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni u direttiva tal-Korp, jew linji gwida tal-istess Korp, teħel piena amministrattiva ta' bejn €1,000 u €46,500 għal kull nuqqas separat. B'dan li skont l-istess regolament fil-każ ta':

i. Infrazzjonijiet żgħar tiġi imposta piena ta' mhux inqas minn €250 jew tingħata ċanfira;
ii. Fil-każ ta' ksur gravi, ripetuti l-Korp jista' jimponi fuq il-persuna suġġetta piena ta' mhux iktar minn €1,000,000 jew darbtejn il-benefiċċju li l-pesuna tkun irċeviet;
iii. Fil-każ ta' ksur gravi, ripetuti, il-Korp jista' jimponi fuq il-persuna suġġetta li twettaq kummerċ finanzjarju rilevanti, il-piena amministrattiva ta' mhux iktar minn €5,000,000 jew 10% tal-

fatturat annwali kif dikjarat fl-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u approvati.

58. F'każ ta' korp jew assoċjazzjoni ta' persuni, il-Korp jista' wkoll jimponi piena amministrattiva fuq persuna fiżika li però tkun bejn €1,000 u €250,000.

59. Ir-rikorrenti stess taċċetta li *"... skont ir-Regolament 21 jista' jkun hemm sanzjonijiet sinifikanti"* għalkemm tenfasizza li dan il-kriterju mhuwiex l-uniku fattur determinanti. Hu veru wkoll li ma tistax tħares b'mod iżolat lejn is-sanzjoni, u dik li hi sanzjoni severa għal ċertu nies tista' ma tkunx l-istess għall-oħrajn. Għalhekk pereżempju sanzjoni ta' €5,000,000 għal ċertu banek li jirrapportaw miljuni ta' ewro fi qligħ kull sena, x'aktarx li mhijiex ser ikollha konsegwenzi serji għal dak li jikkonċerna l-aspett ta' finanzi tal-bank. Però llum il-Qorti għandha quddiemha l-każ tar-rikorrenti u dak irid jiġi mistħarreġ. Il-fatt li l-piena amministrattiva mhijiex konvertibbli f'priġunerija, għalkemm rilevanti, mhuwiex determinati għaliex f'dan il-każ għandna kumpanija li ovvjament f'każ ta' ħtija ma tistax teħel priġunerija billi mhijiex persuna fiżika. F'dan il-każ il-piena amministrattiva li impona l-Korp fuq ir-rikorrenti hi ta' €435,576. Il-Korp semma li meta ġie biex jiffissa s-sanzjoni fuq ir-rikorrenti, *".... huwa qies illi s-soċjeta appellata kellha turnover ta' €2,700,000"*. Jekk hu hekk, dan ifisser 16% tat-*turnover* li żgur mhuwiex

persentaġġ żgħir. Rilevanti f'dan il-kuntest hi s-sentenza **Orlen Lietuva Ltd v Lithuania** tad-29 ta' Jannar 2019. Il-QEDB qalet:

> *"62....... the Court moreover considers that the fine imposed on the applicant company was not intended to serve as pecuniary compensation for breaches of competition law but as a penalty to deter reoffending because the penalty the applicant company risked incurring was rather severe as it amounted to up to 10% of its annual turnover in the preceding business year (see paragraph 25 above),……..."*

60. Wara li l-Qorti kkunsidrat it-tieni u t-tielet kriterji b'mod kumulattiv, hi tal-fehma li l-infrazzjonijiet li dwarhom ġiet imposta l-piena amministrattiva fuq ir-rikorrenti, huma *'reat kriminali'* skont l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u *'criminal charge'* għall-finijiet tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

61. Il-Korp mhuwiex tribunal indipendenti jew qorti imparzjali, għalkemm mill-provi jirriżulta li ta lir-rikorrenti sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet u jibgħat dokumenti li jqis li huma rilevanti biex jirribatti dak li jingħad fir-rapport. Jibqa' l-fatt li l-piena amministrattiva ġiet imposta fuq ir-rikorrenti minn awtorità amministrattiva li jgħidu x'igħidu l-intimati, żgur li mhijiex oġġettivament imparzjali. Dan irrispettivament mill-fatt li l-investigazzjoni saret minn sezzjoni differenti mill-Complaince Monitoring Committe li fit-28 ta' Lulju 2021 ta d-deċiżjoni kontestata. It-taqsimiet differenti jifformaw parti mill-istess Korp, u d-direttur tal-Korp jippresjedi fil-Compliance Monitoring Committee. Fid-dokument Compliance Monitoring Governing Principles and Framework (fol. 730), hemm konferma wkoll li dak il-kumitat huwa *"…. an internal organ set up by the*

*FIAU for the purposes of considering potential breaches of AML/CFT obligations and determining the most appropriate administrative measures to address identified breaches”*.

62. Saħansitra waħda mill-membri fil-Kumitat hi wkoll il-kap tal-infurzar, li fi kliemha hi *“.... l-ewwel section li toħroġ is-sanction letter u tiffolowjaha wara li tkun ittieħdet deċiżjoni mill-compliance monitoring committee....”*.

63. Madankollu, il-kwistjoni ma tieqafx hawn għaliex ir-rikorrenti ressqet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u dan kif kellha dritt tagħmel skont il-liġi. Il-QEDB qalet li f’proċeduri amministrattivi, l-obbligazzjoni li japplika l-Art. 6 tal-Konvenzjoni ma jfissirx li piena amministrattiva ma tistax tiġi imposta minn awtorità. Hekk pereżempju fis-sentenza **<u>Mamikidis v Greece</u>** (35533/04) tal-11 ta’ Jannar 2007 f’każ li kien jinvolvi l-impożizzjoni ta’ piena amministrattiva minn awtorità pubblika, il-Qorti osservat li għalkemm kien jaqgħu taħt *‘criminal charge’*, ir-rikorrent kellu l-opportunità li jikkontesta l-istess f’proċeduri ġudizzjarji;

> *“30. En l'espèce, la Cour doit rechercher si le requérant a bénéficié devant les juridictions administratives des droits garantis par le volet pénal de l'article 6 de la Convention. Cela étant, la Cour ne perd pas de vue qu'en droit grec, la procédure administrative visant à sanctionner un acte de contrebande de produits pétroliers, procédure qui fait l'objet de la présente requête, se déroule de façon totalement indépendante de la procédure pénale prévue pour punir, le cas échéant, les faits constitutifs de la même infraction. En effet, en raison de leur nature distincte, il s'agit de deux procédures parfaitement autonomes qui n'ont pas les mêmes résultats pour la situation d'un individu, en particulier dans la mesure où seule la procédure pénale peut aboutir à une peine d'emprisonnement*

*et exprime une sérieuse réprobation du corps social à l'encontre de l'auteur du délit ou du crime en question.*

*…….*

*32. Par ailleurs, le requérant a bénéficié d'une procédure contradictoire, au cours de laquelle il a eu la possibilité de soumettre aux juridictions compétentes les arguments qu'il estimait utiles pour la défense de sa cause. En outre, dans les décisions judiciaires mises en cause par le requérant, tous les points controversés ont été amplement motivés, ce qui permet d'écarter tout soupçon d'arbitraire. Le fait que le requérant conteste le raisonnement des juridictions saisies, ne suffit pas pour conclure que celles-ci n'ont pas dûment motivé leurs décisions.”.*

64. Imbagħad fis-sentenza **Grande Stevens and Others v Italy** (18640/10) tal-4 ta' Marzu 2014, il-QEDB wara li kkonkludiet li proċeduri amministrattivi quddiem il-CONSOB kienu dwar *'criminal charge'*, żiedet:

*"1. The above findings concerning the CONSOB's lack of objective impartiality and the fact that the proceedings before it did not comply with the principles of a fair hearing are not, however, sufficient to warrant the conclusion that there has been a violation of Article 6 in this case. In this connection, the Court observes that the penalties complained of by the applicants were not imposed by a court at the close of adversarial judicial proceedings, but by an administrative authority, namely the CONSOB. While entrusting the prosecution and punishment of similar minor offences to such authorities is not inconsistent with the Convention, the person concerned must have an opportunity to challenge any decision made against him or her before a tribunal which offers the guarantees of Article 6 (see Kadubec v. Slovakia, 2 September 1998, § 57, Reports 1998-VI; Čanády v. Slovakia, no. 53371/99, § 31, 16 November 2004; and Menarini Diagnostics S.r.l., cited above, § 58).*

*139. Therefore, in administrative proceedings, the obligation to comply with Article 6 of the Convention does not preclude a "penalty" being imposed by an administrative authority in the first instance. For this to be possible, however, decisions taken by administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention must be subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction (see Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, Palaoro and Pfarrmeier v. Austria, judgments of 23 October 1995, §§ 34, 37, 42 and 39, 41 and 38 respectively, Series A nos. 328 A-C and 329 A-C). The characteristics of a judicial body with full jurisdiction include the power to quash in all respects, on questions of fact and law, the decision of the body below. It must have jurisdiction to examine all*

> *questions of fact and law relevant to the dispute before it (see Chevrol v. France, no. 49636/99, § 77, ECHR 2003-III; Silvester's Horeca Service v. Belgium, no. 47650/99, § 27, 4 March 2004; and Menarini Diagnostics S.r.l., cited above, § 59)".*

65. F'dak il-każ il-ksur tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni nstab mhux minħabba l-proċess amministrattiv li sar quddiem il-CONSOB, proċess li l-Qorti qalet li ma kienx jissodisfa *"161..... the requirements of fairness and objective impartiality set out in Article 6 of the Convention"*, iżda minħabba li l-Qorti tal-Appell ta' Turin *"... did not hold a public hearing, which, in the present case, amounted to a violation of Article 6(1) of the Convention"*.

66. Sentenza li segwiet dak li kien diġà ġie deċiż mill-istess Qorti fis-sentenza **Menarini Diagnostics S.r.l. v Italy** tas-27 ta' Settembru 2011 u li wkoll kienet titratta dwar piena amministrattiva. F'dak il-każ il-piena kienet ta' sitt miljun ewro imposti fuq il-kumpanija minn awtorità responsabbli dwar kompetizzjoni.

67. F'dik is-sentenza l-QEDB osservat kif kienet diġà ddeċidiet li l-Art. 6 japplika fir-rigward ta' ċertu awtoritajiet amministrattivi li għandhom poter li jimponu sanzjoni fil-qasam tad-dritt finanzjarju:

> *"43. Inoltre, la Corte ricorda che, a proposito di alcune autorità amministrative francesi competenti in diritto economico e finanziario e aventi poteri sanzionatori, essa ha dichiarato che l'articolo 6 nel suo aspetto penale si applicava alle decisioni del Consiglio della concorrenza (Lilly c. Francia (dec.), n. 53892/00, 3 dicembre 2002), del Consiglio dei Mercati Finanziari (Didier c. Francia (dec.), n. 58188/00, 27 agosto 2002)*

*e della Commissione bancaria (Dubus SA c. Francia, N. 5242/04, § 36, 11 giugno 2009)".*

68. Qalet ukoll:

*"59. La conformità con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorità amministrativa. Si presuppone però che la decisione di un' autorità amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena (Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, e Palaoro Pfarrmeier c. Austria, sentenza del 23 ottobre 1995, la nostra serie A, 328 AC e 329 AC, § § 34, 37, 42 e 39, 41 e 38). Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi è il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui è adito (Chevrol c. Francia, no 49636/99, § 77, CEDU 2003-III, e Silvestro Horeca Service c . Belgio, n. 47650/99, § 27, 4 marzo 2004).*

*..........*

*67. La decisione della AGCM è stata sottoposta al controllo a posteriori da parte di un giudice avente giurisdizione estesa al merito, pertanto nel caso di specie non può essere rilevata alcuna violazione dell'articolo 6 § 1 della Convenzione."*

69. Fis-sentenza **Edizioni del Roma Società Cooperativa A.R.L. v Italia** tal-19 ta' Diċembru 2020, il-QEDB qalet hekk:

*"67. Il rispetto dell'articolo 6 della Convenzione non esclude dunque che, in un procedimento di natura amministrativa, una «pena» sia imposta in primo luogo da un'autorità amministrativa (G.I.E.M. S.R.L. e altri c. Italia [GC], nn. 1828/06 e altri 2, § 254 28 giugno 2018). Si presuppone però che la decisione di un'autorità amministrativa che non soddisfi essa stessa le condizioni di cui all'articolo 6 sia sottoposta a un controllo a posteriori da parte di un organo giudiziario con piena giurisdizione (Ramos Nunes de Carvalho e Sá c. Portogallo [GC], nn. 55391/13 e altri 2, § 132, 6 novembre 2018). Tra le caratteristiche di un organo giudiziario con piena giurisdizione vi è il potere di riformare interamente, in fatto e in diritto, la decisione emessa da un organo di grado inferiore. Il primo organo deve essere competente per esaminare tutte le questioni di fatto*

> *e di diritto rilevanti per la controversia ad esso sottoposta (Chevrol c. Francia, n. 49636/99, § 77, CEDU 2003-III, Silvester's Horeca Service c. Belgio, n. 47650/99, § 27, 4 marzo 2004, e A. Menarini Diagnostics S.r.l., sopra citata, § 59)".*

70. Hekk ukoll fis-sentenza riċenti **Affaire European Air Transport Leipzig GMBH v Il-Belġju** tal-11 ta' Lulju 2023, l-istess Qorti kkunsidrat il-fatt li r-rikorrenti kellha l-jedd tikkontesta l-penali amministrattiva inflitta minn awtorità, quddiem il-Conseil d'Etat kif fil-fatt għamlet. Imbagħad il-Qorti kkunsidrat jekk dak li fil-fatt sar quddiem dik il-Qorti kienx konformi mal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq skont l-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Saħansitra qalet:

> *"59. Elle fait premièrement valoir que le contrôle effectué par le Conseil d'État n'était pas un contrôle de pleine juridiction au sens de l'article 6 § 1 de la Convention eu égard au fait que celui-ci disposait uniquement de la possibilité d'annuler la décision litigieuse et ne pouvait substituer son appréciation à celle de l'autorité administrative (paragraphe 43 ci-dessus).*
>
> *60. Sur ce point, la Cour a déjà jugé, comme exposé ci-avant (paragraphe 51 ci-dessus), que le rôle de l'article 6 n'est en principe pas de garantir l'accès à un tribunal qui pourrait substituer sa propre appréciation ou son propre avis à ceux des autorités administratives. Partant, aux yeux de la Cour, le fait que la compétence du Conseil d'État se limitait, en l'espèce, à l'annulation des décisions litigieuses et ne s'étendait pas à leur réformation n'est pas un problème en soi au regard de l'article 6 de la Convention (voir, dans le même sens, à propos du Conseil d'État de Belgique : SA Patronale hypothécaire, précité, § 48, voir également à propos du Conseil d'État de France : Dahan c. France, no 32314/14, § 61, 3 novembre 2022)".*

71. Għalhekk minkejja li l-kompetenza tal-Conseil d'Etat hi limitata, il-Qorti xorta ma sabitx ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

72. Din il-Qorti stess fis-sentenza tal-Federation of Estate Agents tat-3 ta' Mejju 2016 għamlet referenza għas-sentenza **Janosevic v l-Isvezja** tal-QEDB tat-23 ta' Lulju 2012. Fil-każ ta' Janosevic l-awtoritajiet tat-taxxa kienu mponew taxxa addizzjonali u *surcharges* fuq l-applikant u l-QEDB qalet li l-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkollhom dak il-poter irrispettivament mill-fatt li jkunu f'ammonti kbar. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-Federation of Estates Agents qalet hekk:

> *"45. Dak li jgħodd għall-awtorita tat-taxxa jgħodd ukoll għall-awtorita' tal-kompetizzjoni u l-qorti taqbel mal-appellanti illi l-fatt illi l-multa tiġi imposta, fl-ewwel grad, minn awtorita amministrattiva li ma hijiex tribunal indipendenti u imparzjali ma huwiex inkompatibbli mal-art. 6 tal-Konvenzjoni, sakemm id-deċiżjoni ta' dik l-awtorita tista' tinġieb għal reviżjon quddiem tribunal b'dawk il-kwalitajiet u li jkollu 'ġurisdizzjoni sħiħa' fuq il-kwistjonijet kollha, kemm ta' fatt kif ukoll ta' liġi".*

73. Fil-fatt f'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li m'hemmx ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni, u b'liema dispożizzjoni hu garantit il-jedd għal smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit b'liġi, *"in the determination .... of any criminal charge"*.

74. Din il-Qorti żżid li kif issegwi l-*Engel criteria,* biex taħt il-Kostituzzjoni jkun hemm ukoll interpretazzjoni awtonoma mil-liġi ordinarja tal-kliem "reat kriminali', ma ssibx raġuni għalfejn m'għandhiex issegwi wkoll dik il-linja ta' ħsieb tal-QEDB kif spjegata fis-sentenzi hawn fuq ċitati. Wara kollox filwaqt li l-Art. 39(1) jirreferi għall-għoti ta' smigħ xieraq quddiem qorti meta xi ħadd *"ikun akkużat b'reat kriminali"*, daqstant ieħor l-Art. 6 tal-Konvenzjoni jirreferi għal jedd għal smigħ xieraq quddiem

tribubal *"In the determination .... of any criminal charge against him"*. Hu fatt li l-awtoritajiet li jimponu s-sanzjonijiet amministrattivi, m'huma la tribunal u lanqas qorti, u minkejja li l-piena amministrattiva tkun ġiet imposta b'referenza għal *criminal charge*, il-QEDB xorta ma ssibx ksur tal-Art. 6 ladarba il-persuna jkollha aċċess għal *full review* quddiem tribunal, li fil-każ tagħna hu qorti stabbilit b'liġi.

75. *Inoltre*, l-infrazzjonijiet ma jaqgħux fil-kategorija ta' *hard core of criminal cases*, u huma proċeduri ta' natura amministrattiva. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Affaire European Air Transport Leipzig GMBH** li saret referenza għaliha hawn fuq, intqal hekk:

> *"53. Par ailleurs, si les exigences du procès équitable sont plus rigoureuses en matière pénale qu'en matière civile, la Cour n'exclut pas que, dans le cadre de certaines procédures pénales, les garanties offertes par l'article 6 ne doivent pas nécessairement s'appliquer dans toute leur rigueur (Jussila c. Finlande [GC], précité no 73053/01, §§ 43 - 44, CEDH 2006-XIV, Vegotex International S.A., précité, § 76). À cet égard, la nature d'une procédure administrative peut différer sous plusieurs aspects, de la nature pénale au sens strict du terme. Si ces différences ne sauraient exonérer les États contractants de leur obligation de respecter toutes les garanties offertes par le volet pénal de l'article 6, elles peuvent néanmoins influencer les modalités de leur application (A. Menarini Diagnostics S.r.l., précité, § 62)"*.

76. Hekk ukoll fis-sentenza **Vegotex International S.A. v Belġju** (49812/09) tat-3 ta' Novembru 2022, il-QEDB qalet reġgħet għamlet referenza għal dak li tirreferi għalih bħala *hard core of criminal law*:

> *"76. Furthermore, in accordance with the case-law of the Court, as tax penalties differ from the hard core of criminal law, the guarantees of Article 6 do not necessarily apply with their full stringency (see Jussila, cited above, § 43; see also, to similar effect, Segame SA v. France, no. 4837/06, §§ 56-60, ECHR 2012; Chap Ltd v. Armenia, no. 15485/09,*

*§§ 41 and 44, 4 May 2017; and, from the standpoint of Article 4 of Protocol No. 7, A and B v. Norway, cited above, § 133).”*

77. Imbagħad fis-sentenza **Chap Ltd v Armenia** (15485/09) tal-4 ta' Mejju 2017 l-istess Qorti qalet hekk:

*“41. The Court reiterates that notwithstanding the consideration that a certain gravity attaches to criminal proceedings, which are concerned with the allocation of criminal responsibility and the imposition of a punitive and deterrent sanction, there are criminal cases which do not carry any significant degree of stigma. There are clearly “criminal charges” of differing weight. What is more, the autonomous interpretation adopted by the Convention institutions of the notion of a “criminal charge” by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law (see Jussila, cited above, § 43). Thus, having established that tax-surcharge proceedings could fall within the protection of Article 6, the Court acknowledged that tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees would not necessarily apply with their full stringency (ibid.)”.*

78. L-istess intqal fis-sentenza **Jussila v Finland** (73053/01) tat-23 ta' Novembru 2006 fejn għamlitha ċara li *“hemm criminal charges of differing weight”* u l-interpretazzjoni li tat għall-kliem 'criminal charge' kienet wessgħet il-każijiet li jaqgħu taħt il-parti tal-kriminal tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni u li tradizzjonalment ma jaqgħux taħt il-liġi kriminali. F'dan ir-rigward identifikat:

*“…. for example administrative penalties (Öztürk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v. France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Société Stenuit v. France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v. France, no. 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency (see Bendenoun and Janosevic, § 46 and § 81 respectively, where it was*

> *found compatible with Article 6 § 1 for criminal penalties to be imposed, in the first instance, by an administrative or non-judicial body, and, a contrario, Findlay, cited above)”*.

79. Min-naħa l-oħra f’każijiet fejn il-QEDB iddeskrivithom bħala akkużi serji, ir-rikorrent *“80... was entitled to a first-instance tribunal which fully met the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1) (see the De Cubber v Belgium judgment of 26 October 1984, Seriea A no. 86 pp. 16-18, paras. 31-32)”* (**Findlay vs the United Kingdom** 22107/93 tal-25 ta’ Frar 1997).

80. Il-pieni amminsitrattivi li jimponi l-Korp, għaliex pereżempju kumpanija ma tkunx għamlet *due diligence* kif suppost, ma jistgħux jiġu klassifikati bħala *hard core of criminal law*.

81. Kif rajna fil-każ tagħna, id-deċiżjoni tal-Korp tista’ tinġieb għal reviżjoni mhux quddiem tribunal iżda quddiem qorti li għandha *“ġurisdizzjoni sħiħa”* fuq il-kwistjonijiet kollha.

82. L-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jrid li l-persuna *“jiġi mogħti (*‘afforded’ bl-Ingliż*) smigħ xieraq .... minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b’liġi”.* Il-liġi qiegħda tagħti lill-persuna d-dritt li tmur quddiem il-Qorti tal-Appell biex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Korp fuq kollox. Għalhekk ir-reviżjoni qiegħda ssir quddiem qorti, u dan b’mod konformi mal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni.

83. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti ilmentat li l-jedd mogħti bil-liġi mhuwiex biżżejjed u tat ir-raġunijiet għalfejn.

84. Fil-każ in eżami skont l-Art. 13A tal-Kap. 373 l-appell jista' jsir fuq punti ta' fatt u ta' liġi. Il-Qorti tal-Appell għandha l-poter li tħassar jew tvarja d-deċiżjoni tal-Korp. L-istess Qorti ser ikollha wkoll l-opportunità li tistħarreġ t-tieni aggravju tal-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tal-Korp, u li bih qiegħda tilmenta li l-piena amministrattiva imposta mill-Korp hi sproporzjonata.

85. Għalkemm il-proċedura tal-appell hi regolata mill-Kap. 12, m'hemm xejn x'iżomm lill-Qorti tal-Appell milli jekk tara li hu meħtieġ jew utli tawtorizza s-smigħ ta' xhieda (Art. 208(1) tal-Kap. 12), u b'mod partikolari tisma' lir-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti jekk jitlob li jixhed. Tista' wkoll tippermetti li jiġu preżentati dokumenti (Art. 150(1)(b) tal-Kap. 12). Dan ukoll meta tqis li sa dak l-istadju jkun għadu ma sarx proċess quddiem qorti. Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li dak il-jedd m'għandux ikun fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero' li jsiru dikjarazzjonijiet *a priori* qabel ma jsir il-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell, hu żbaljat. Dan apparti li kull qorti għandha wkoll id-dmir li fis-smigħ ta' proċeduri, tqis li l-liġi ordinarja tiġi applikata u interpretata b'mod li tkun konformi mal-jedd fundamentali in kwistjoni. Ovvjament, f'dan ir-rigward kien ikun iktar floku li l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell ikun ingħalaq biex wieħed

jistħarreġ x'ikun seħħ fir-realtà. Madankollu, f'dan l-istadju l-qorti trid tiddeċiedi dwar dak li tipprovdi l-liġi fir-rigward tal-jedd tal-appell li tagħti l-liġi.

86. L-ilment tar-rikorrenti li jkollu jinqaleb l-oneru tal-prova quddiem il-Qorti tal-Appell, lanqas mhu korrett. Sabiex jitħares dak li trid il-Kostituzzjoni – li min hu akkużat b'reat kriminali jitressaq għad-deċiżjoni dwar il-ħtija quddiem qorti meta huwa akkużat, u mhux wara li ġa nstab ħat minn organu li ma huwiex qorti – l-oneru tal-prova quddiem il-Qorti tal-Appell ikun fuq il-Korp li juri għala d-deċiżjoni tiegħu għandha tibqa', u mhux fuq ir-rikorrenti li turi li għandha titħassar, biex hekk il-proċeduri proprjament ġudizzjarjai jinbdew bil-preservazzjoni ta' innoċenza intatta.

87. L-istess hi żbaljata l-fehma tar-rikorrenti li Qorti tal-Appell m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' min ikun ta l-ewwel deċiżjoni. Meta hemm apprezzament ta' fatti xi jsir, il-Qorti tal-Appell għandha tagħmel l-ezami indipendenti tal-provi u mhi marbuta mal-ebda konklużjoni tal-Korp. Fir-rigward tal-ilment li mhux ser ikollha l-opportunità li titlob li jiġu preżentati dokumenti li m'għandhiex fil-pussess tagħha, apparti l-fatt li ma qalitx x'inhuma, mill-provi li tressqu jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet li għamel il-Korp fil-każ tar-rikorrenti, hu bażat fuq eżami ta' files li kienu fil-pussess tar-rikorrenti. F'każijiet ta' din ix-xorta, it-tagħrif suppost ikun fil-pussess tal-persuna suġġetta.

88. Il-Qorti żżid li hu minnu li l-liġi timponi terminu ta' sitt xhur mill-ewwel seduta sabiex il-każ jinstema' u jiġi deċiż. Żmien li mad-daqqa t'għajn jista' jidher qasir. Però b'daqshekk ma jfissirx li l-partijiet mhux ser jingħataw smigħ xieraq. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Dan apparti li l-Art. 13A stess jipprovdi,

> *"...... u ma għandu jingħata ebda aġġornament lil hinn mill-imsemmija sitt (6) xhur ħlief jew bil-kunsens tal-appellant u l-appellat jew għal raġuni eċċezzjonali li tiġi reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata ma tkunx aktar tard minn dak li hu ġustifikat b'dik ir-raġuni"*.

89. Għalhekk hu evidenti li l-liġi stess tipprovdi għall-eċċezzjonijiet.

90. Ilment ieħor tar-rikorrenti hu li hemm ksur ta' dritt tal-parità tal-armi. F'dan ir-rigward issemma li d-dritt ta' non-inkriminazzjoni hu leż, u ssemma regolament 21. Fir-rikors promotur qalet. *"L-imposizzjoni ta' multi ta' din in-natura huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil Phoenix biex tagħti kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni"*. Hu ovvju li t-tagħrif ikun qiegħed għand il-persuna suġġetta. F'dan il-każ jirriżulta li l-Korp għamel l-investigazzjoni a bażi ta' tagħrif li ġabar mingħand ir-rikorrenti. Ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt irrifjutat li tagħti t-tagħrif li ntalbet, u anzi mir-rapport tad-9 ta' April 2021 jidher li kkoperat (fol. 89 *et seq*). Fil-fatt fih jingħad:

> *"The findings and observations set out in this report are based on the information and documents that were provided or made available to*

> *FIAU officials by the Company prior to, and during the compliance examination"*.

91. Dan ma kienx każ fejn uffiċjali jew rappreżentati tal-kumpanija rrifjutat li jagħtu tagħrif u ġiet imposta sanzjoni amministrattiva fuq persuna fiżika talli rrifjutat li twieġeb. Lanqas m'hemm xi provi li kien hemm xi suspett dwar ir-rikorrenti jew xi uffiċjal tagħha li pereżempju kienu involuti fir-reat ta' *money laundering*. L-eżerċizzju li sar mill-Korp hu nkluż fil-funzjonijiet tagħha, li *'tissorvelja konformita' mill-persuni suġġetti'* (Art. 16(1)(ċ) tal-Kap. 373). L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien proprju biex issir evalwazzjoni dwar il-miżuri ta' *customer due diligence* li tattwa r-rikorrenti u jekk humiex effettivi, u wkoll issir evalwazzjoni fuq il-proċess ta' moniteraġġ. Eżerċizzju li għandu jsir għall-finijiet ta' superviżjoni tal-persuni suġġetti.

92. Fir-rigward tal-parità tal-armi għal dak li għandu x'jaqsam ma' termini, quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) ma jirriżultax li sar x'ilment f'dak is-sens. Għal dik li hu l-istadju tal-investigazzjoni, pjuttost jidher li r-rikorrenti kellha vantaġġ għaliex il-klijenti u r-*records* kienu tagħha u kienet altru milli fl-aħjar pożizzjoni li tirribatti għal dak li qal il-Korp dwar il-25 *file* li kienu eżaminati. Hu veru li fil-*compliance review* datat 9 ta' April, 2021 ir-rikorrenti ngħatat xahar żmien biex tibgħat l-kummenti tagħha flimkien mal-evidenza li għandha biex tissostanzja dak li qalet. Perjodu li mad-daqqa t'għajn wieħed jista' jargumenta li hu qasir

wisq. Però ma rriżultax li kien hemm xi ostakolu biex dak l-eżerċizzju jsir fi tletin jum. Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrenti talbet li tingħata iktar żmien u t-talba ġiet rifjutata. Ir-rikorrenti lanqas ma spjegat minn fejn jirriżulta li kieku ma bagħtitx is-sottomissjonijiet tagħha fit-terminu, kienet ser teħel piena amministrattiva, apparti li mhijiex rilevanti għall-eżitu tal-kawża. Il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ u mhux a bażi ta' ipoteżijiet. Dan apparti li ma jidhirx li hemm ostakolu li r-rikorrenti tilmenta, kieku riedet, dwar il-mod kif mexa l-Korp fil-konfront tiegħu.

93. Jirriżulta li b'ittra datata 7 ta' Mejju 2021 ir-rikorrenti għamlet sottomissjonijiet dettaljati (fol. 217) u fiha spjegat fejn ma taqbilx mal-Compliance Report tal-Korp. Id-dettall li fih id-dokument altru milli jikkonferma kemm ir-rikorrenti ma kellhiex diffikultà tirribatti għal dak li jingħad fir-rapport tal-Korp. *Inoltre*, fl-affidavit li ppreżenta Marco Lavanna direttur, rappreżentant u sid benefiċjarju tal-kumpanija (fol. 299) imkien ma lmenta li r-rikorrenti ma kellhiex biżżejjed żmien biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, u x'seta' kienet id-diffikultà.

94. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li l-Artikoli 13(2) tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 ma jiksrux l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni.

95. Bil-ħames aggravju l-Korp jilmenta li s-sentenza fiha żball għaliex fl-ewwel kap tas-sentenza laqgħet l-ewwel talba mingħajr limitazzjoni u mbagħad għaddiet biex tiddikjara biss l-Artikolu 13(2) tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 bħala leżivi. Il-Korp argumenta li l-ewwel talba kienet ferm aktar wiesa' u r-rikorrenti ma talbitx dikarazzjoni biss fuq dawk id-dispożizzjonijiet. L-Ewwel Qorti ddeċidiet biss fuq l-Artikolu 13(2) tal-Kap. 373 u r-regolament 21 tal-L.S. 373.01, iżda astjeniet milli teżamina l-bqija tat-talbiet. Għalhekk il-kliem użat b'referenza għall-ewwel kap tas-sentenza jista' joħloq dubju u jagħti l-impressjoni li l-ewwel talba ġiet milqugħa fl-intier tagħha.

96. Ladarba l-ewwel kap tas-sentenza appellata ser jiġi mħassar, ma tqisux iktar.

97. Bis-sitt aggravju l-Korp jilmenta li s-sentenza appellata hi żbaljata fejn laqgħet it-tieni talba tar-rikorrenti u ddikjarat nulli u bl-effett l-Art. 13(2) tal-Kap. 373 u r-regolament 21 tal-L.S. 373.01, billi d-dikjarazzjoni mhijex waħda li setgħet issir minħabba n-natura tal-azzjoni.

98. Ladarba t-tieni kap tas-sentenza appellata ser jiġi mħassar, ma tqisux iktar.

99. Bis-seba' aggravju l-Korp jilmenta li s-sentenza appellata hi żbaljata fit-tieni kap tad-*decide* in kwantu ddeċidiet billi laqgħet it-tieni talba rikorrenti u ddikjarat illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap 373 u r-Regolament 21 tal-L.S. 373.01 huma nulli u bla effett, u dan fl-istess sens kif ġia sottomess fil-ħames aggravju. It-tieni talba kif dedotta fir-rikors promotur ma hijiex limitata għall-Artikolu 13(2) u r-Regolament 21 iżda hija ferm aktar wiesgħa billi tinkludi numru ta' dispożizzjonijiet legali oħra.

100. Ladarba t-tieni kap tas-sentenza appellata ser jiġi mħassar, ma tqisux iktar.

101. Bit-tmien aggravju l-Korp jilmenta li is-sentenza appellata hija manifestament żbaljata fejn laqgħet is-sitt talba tal-appellata u ddikjarat nulli u inattendibbli l-proceduri ta' konformità (*compliance*) minkejja li dawk il-poteri joħorġu mil-Ligi u la kienu mertu ta' din il-kawza u wisq anqas ma ġew dikjarati leżivi.

102. Peress li dik il-parti tas-sentenza appellata ser tiġi imħassra, ma tqisux iktar.

103. Bid-disa' aggravju l-Korp jilmenta li is-sentenza appellata hija wkoll żbaljata fejn laqgħet is-sitt u s-seba' talba tal-appellata u ddikjarat li l-proċeduri ta' konformità li għamel il-Korp u d-deċiżjoni li rriżultat mill-

istess, huma nulli u inattendibbli. Kemm il-proċeduri kif ukoll id-Deċiżjoni huma ta' natura amministrattiva kif ingħad u għalhekk ma kellu jinstab ebda ksur ta' drittijiet fondamentali bil-konsegwenza naturali illi l-proċeduri u d-deċiżjoni li saru lkoll skont il-Ligi huma validi.

104. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid iktar ma' dak li diġà qalet fir-rigward tat-tielet u raba' aggravji.

**Rikors tal-appell tal-Avukat tal-Istat**.

105. L-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Istat hu li l-kawża hi intempestiva u li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju li m'għamlitx użu minnu. Argument mibni fuq it-teżi li għad hemm l-appell tar-rikorrenti pendenti fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fejn id-dritt ta' appell hu fuq punti ta' fatt u ta' liġi. Appell li skont l-Art. 13A(5) tal-Kap. 373 għandu jiġi estiż fi żmien 6 xhur u t-terminu jista' jiġi estiż sabiex jinstemgħu l-provi.

106. Il-Qorti tagħmel l-istess konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appell tal-Korp u m'għandhiex x'iżżid.

107. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

108. Bit-tieni aggravju l-Avukat tal-Istat jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-piena amministrattiva hi ta' natura penali. Isostni li f'każijiet bħal dawn ma japplikawx l-*Engel criteria*. Aggravju bażat fuq it-teżi li r-

rikorrenti ma' ġietx akkużata b'reat kriminali, tant li l-proċess amministrattiv ma jitmexxiex mill-pulizija. L-Avukat tal-Istat isostni li għall-każ in eżami japplika l-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni.

109. Il-Qorti tagħmel l-istess konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appell tal-Korp u m'għandhiex x'iżżid.

110. Fit-tielet aggravju l-Avukat tal-Istat jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet ksur tal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni, ukoll jekk il-każ jiġi mistħarreġ fil-meritu taħt dik id-dispożizzjoni. F'dan l-aggravju l-Avukat tal-Istat insista li fil-Korp isir xogħol speċjalizzat, b'riżultat li jkun fuq l-istess livell ta' Qorti. Fil-Korp hemm nies speċjalizati fil-liġi partikolari u jaħdmu fuq dan it-tip ta' xogħol biss. Għalhekk il-multi huma imposti minn entità organizzata, speċjalizzata u esperta fis-suġġett. Il-Korp stess jorganizza korsijiet għall-impjegati tiegħu kif ukoll għall-pubbliku. Żied li min jiddeċiedi dwar is-sanzjoni mhuwiex l-istess persuna li tkun eżaminat u ġabet il-każ 'il quddiem. Għalhekk hemm separazzjoni bejn min jagħmel l-investigazzjoni u min jiddeċiedi. Żied li l-proċess quddiem il-Korp hu biss l-ewwel parti tal-proċess, u piena amministrattiva tista' ssir dovuta u eżegwibbli biss wara sentenza tal-Qorti tal-Appell.

111. Din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet li diġà għamlet b'referenza għat-tielet u r-raba' aggravji tal-appell tal-Korp.

112. Fir-raba' aggravju l-Avukat tal-Istat ilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddikjarat nulli u bla effett l-Artikolu 13(2) tal-Kap. 373 u r-regolament 21 tal-L.S. 3373.01. Żball ieħor kien meta ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-Korp hi nulla u bla effett. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi daqslikieku hi deċiżjoni *erga omnes* u mhux *inter partes*.

113. Dan l-aggravju jolqot it-tieni, is-sitt u seba' talbiet tar-rikors promotur. Peress li ser tħassar il-kapi tas-sentenza li jikkonċernaw dawk it-talbiet, ma tqisx iktar dan l-aggravju.

114. Bil-ħames aggravju u l-aħħar aggravju l-Avukat tal-Istat jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-artikoli kollha tal-liġi li dwarhom ilmentat ir-rikorrenti, xorta ddeċidiet li l-proċeduri investigattivi ta' *compliance* li għamel il-Korp huma nulli u inattendibbli.

115. Dan l-ilment jolqot is-sitt talba tar-rikors promotur, li dwarha hemm deċiżjoni fit-tielet kap tas-sentenza appellata. Peress li dan il-kap tas-sentenza ser jitħassar minħabba dak li ser tiddeċiedi b'referenza għall-ewwel żewġ kapi tas-sentenza appellata, ma tqisx iktar dan l-aggravju.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appelli tal-intimati biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata billi minflok:-

1. Tiddikjara li l-Korp intimat mhuwiex leġittimu kontradittur fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tar-rikors promotur.

2. Tħassar l-ewwel kap tas-sentenza u tiċħad l-ewwel talba għal dak li jikkonċerna l-Artikoli 13(2) tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01, u tiddikjara li ma jiksrux l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Tibqa' impreġudikata l-kumplament tal-ewwel talba.

3. Tħassar it-tieni kap tas-sentenza u tiċħad it-tieni talba għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 13(2) tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-Regolament 21 tal-L.S. 373.01 fir-rigward tal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni. Tibqa' impreġudikata l-kumplament tat-tieni talba.

4. Tħassar it-tielet kap tas-sentenza u tiċħad is-sitt u s-seba' talba sa fejn jirreferu għad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija. Tibqa' impreġudikata t-tielet talba fir-rigward tal-kumplament tal-ilmenti tar-rikorrenti li għadhom mhux deċiżi.

5. Tħassar ir-raba' u l-ħames kapi tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-ewwel sentenza u tal-appelli a karigu tar-rikorrenti jinqasmu in kwantu għal ħamsa u tmenin fil-mija (85%) a karigu tar-rikorrenti u ħmistax fil-mija (15%) a karigu tal-intimati.

Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar il-kumplamenti tat-talbiet jew dik il-parti tat-talbiet li għadhom mhumiex deċiżi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss